# *Il-Kripti*

*Is-Sur Sebastian Vella B.A.Hons P.G.C.E.*




Din is-sena jaħbtu żewġ anniversarji marbuta mal-kripta li tinsab taħt il-Knisja Parrokkjali ta' San Sebastjan. Is-Sittin u l-Erbgħin sena minn meta l-kripta tbierket minn Mons. Arcisqof Mikiel Gonzi. L-ewwel darba fl-20 tal-Lulju 1952 u reġgħat tbierket mill-ġdid mill-istess Arċisqof fit-28 ta' Ġunju 1972 wara li kien sar xi tibdil strutturali sabiex tkun tista' tinbena l-knisja fuqha. Għalhekk se nieħu spunt minn dawn iż-żewġ anniversarji xi ftit minsija biex naraw kif żviluppat l-ideja ta' kripta.

Il-kelma kripta propjament tfisser xi kmamar taħt l-art ta' xi knisja, Santwarju jew Katidral, fejn jinżammu xi relikwi jew fdalijiet ta' persuni mejta f'sarkofagi jew oqbra. Mawzoleum hija kripta iżda mibnija u mhux taħt l-art. Eżempju ta' kripti propji nsibuhom fil- Kon-Katidral ta' San Ġwann fejn hemm il-kripta tal-Granmastri, taħt il-presbiterju u l-kripta ta Bartolott taħt l-oratorju. Fil-kripta tal-Granmastri nsibu s-sarkofogu sempliċi fil-ġebla tal-franka tal-Granmastru La Cassiere taħt l-artal maġġuri, Granmastri oħra midfuna f'sarkofagi huma L'Isle Adam, La Vallette, Garzes, Del Monte, Verdala, Aloph Wignacourt u Vasconcellos. Filwaqt li l-Granmastru del Ponte, D 'Momedes u La Sengle flimkien mal-kavallier Ingliż Oliver Starkey huma midfuna f'oqbra b'lapidi tal-irħam. L-affreski tal-kripta huma tal-Fjorentin Nicolo Nasoni 1691-1773. Il-Kripta ta' Bartolott hemm fiha midfuna diversi kavallieri li mietu f'Malta.

Il-kripti żviluppaw mill-knejjes tal-Insara bikrin, mibnija fuq mitreja. Il-mitreja kienu l-għerien li fihom kienu jinġabru biex jitolbu s-segwaċi tar-reliġjon ta Mithras. Dawn l-ispazji taħt l-art bla twieqi u imdallmin kellhom daħla li tissejjaħ spelunce u l-artal kien jinżamm fuq pedestal. Il-mitrejum kellu spazju għal xi tletin jew erbgħin persuna li kienu jiltaqgħu biex jagħmlu rit simili għall-Ewkaristija tagħna. Ħafna storiċi jsostnu li l-kult ta' Mithras kien sat-tieni seklu W.K. rivali serju għall-Kristjaneżmu. F'Ruma, ħafna mitreja jinsabu taħt Knejjes famużi bħal Bażilika ta' San Klement u l-Bażilika ta' Santa Prisca kif ukoll taħt il-Knisja ta San Stiefnu Rotondo. Fil-Ġermanja, fejn il-kult ta Mithras kien popolari ħafna fost il-leġunari Rumani, nsibu mitreja f'ibliet bħal Dieburg, Frankfurt,

Freiburg, Hanau, Kolonja, Mainz, Saarbruken u Wiesloch,



Iżda l-aktar kripta famuża fil-bidu tal-Kristjaneżmu kienet dik fil-Bażilika l-antika ta' San Pietru f'Ruma, fejn kien hemm midfun San Pietru, l-Ewwel Papa. Il-qabar ta' San Pietru kien jinsab taħt l-artal maġġuri tal-Bażilika l-antika li mbaghad twaqqgħet fis-Seklu Ħmistax biex telgħat il-Bażilika ta' llum bil-koppla ta' Mikelangelo u l-pjazza ta' Bernini.

Oriġinarjament il-kripti kienu jkunu taħt l-apside bħal Kripta tal-Monasteru ta' San Germain f'Auxerre fi Franza. Wara ċerti kripti bdew jitpoġġew taħt in-Navi. Ċerti knejjes ġew pjanati mgħollija bi kripta taħthom bħal Knisja ta' San Mikiel *f'Hildesheim* fil-Ġermanja fejn wara ndifen il-Fundatur tal-Knisja l-Arċisqof Berward ta' *Hildesheim* 993-1022. Fiż-żmien l-Imperatur Karlu Manju l-kripti saru popolari fil-Burgandija f'Digon u f'Tournus. Dawn kienu l-kripti ħafna drabi b'relikwi sagri biex jattiraw il-pellegrini. Sas-Seklu 10 il-kripti bir-relikwi tilfu l-popolarita' tagħhom meta r-relikwi bdew jitpoġġew f'kappelli mibnija annessi mal-katidrali jew knejjes. Fil-perjodu Gotiku l-kelma kripta bdiet tiġi riferuta bħala kamra għad- dfin. Biż-żmien ħafna familji rjali, nobbli u wara r-revoluzzjoni industrijali miljunarji, bdew jibnu l-kripti taħt knejjes biex jindifnu huma l-familjari tagħhom.

Fost il-kripti l-aktar famużi u ta' min jgħid ukoll strambi nsibu l-kripta tal-Kapuċċini f' Palermo. Il-Kripta hija magħrufa għall-mummji esebiti ta' patrijiet u nies komuni fi twiebet miftuħa fejn wieħed jista' jara nies li ilhom mejta



anki sekli preservati bil-ħwejjeġ tal-epoka. L-eqdem mummja hija tal-Patri Silvestro de Gubbio li miet fl-1559. Il-mummji eżebiti f'din il-kripta huma imqassma skond is-sess u l-istatus soċjali. Interessanti ħafna l-parti tan-nisa verġni jew ta' lanqas meqjusa tali li jingħarfu mill-bend tal-ħadid ma' rashom. Hawnhekk jispikkaw l-ilbies tas-suldati bl-uniformijiet. Fost in-nies magħrufa nsibu l-pittur Spanjol Velazquez u l-iskultur Taljan Lorenzo Marabutti. L-aħħar patri li ġie mumifikat kien patri Ricardo li miet fl-1871. Iżda l-aktar mummja li timpressjona hija dik li tissejjaħ Bella Addormentata li hija l-mummja taċ-ċkejkna Rosalia Lombarda li mietet fl-

1920 u li wiċċha baqa' bħal meta kienet għadha ħajja. F'Malta kien hemm kripta simili fil-monasteru tal-Kapuċċini fil-Furjana fejn kien hemm eżebiti patrijiet mummifikati. Illum dawn indifnu iżda sa qabel l-aħħar gwerra wieħed jien għadu jista' jarahom.

Komtemporaneja mal-knisja u l-kripta Qormija nsibu l-kripta ta' *Lutyens* li tinsab taħt il- Katidral Kattoliku bi stil modern *f'Liverpool* fl-Ingilterra. Il-kripta hija l-unika parti tad-disinn ta *Lutyens* li nbniet. Il-Perit Ingliż *Sir Edwin Lutyens* fl-1930 kien għamel disinn ta' dak li kellu jkun l-akbar bini ekleżjastiku u l-aktar Katidral bl-akbar koppla fid-dinja. Dan kellu jkun il-Katidral ta' Kristu Re tal-Belt ta' Liverpool. Minħabba l-ispejjeż kulma lestew skond il-pjan kienet il-kripta enormi li fuqha kella tiflaħ il-piż tal-Katidral Romanesk b'erba' kampnari u koppla kbira fin-nofs simili ħafna għad-disinn tal-Knisja tagħna. Jista' jkun li l-Perit Arthur Zammit li studja l-Ingilterra ġie spirat mill-pjanta ta' Lutyens meta iddisinja l-knisja ta' San Sebastjan. Fil-kripta ta Lutyens illum hemm il-kappella ta San Nikola bl-istatwa tal-Madonna ta' Liverpool ta' David John. Hemm ukoll mużew tal-Katidral fis-sala Pontifica, teżorerija fejn jinżammu l-parametri sagri, sala tal-eżebizzjonijiet u sala tal-kunċerti. Hemm ukoll il-kappella tar-relikwi fejn insibu midfuna Arċisqfijiet tal-Liverpool bħal Thomas Whiteside, Richard Downey u George Andrew Beck.

Il-kripta ta' San Sebastjan illum ukoll hija kumpless għax minbarra l-kripta propja fejn isir il-Quddies insibu s-swali Dun Alwig Psaila u Dun Ġużepp Cauchi, l-uffiċju tal-Parroċċa, stores u l-Librerija Dun Gino Mangion. Il-Kripta kif narawha llum hija ferm differenti minn dik oriġinali minħabba l-alterazzjonijiet li sarulha fis-snin sebgħin biex tkun tista' tiflaħ il-piż tal-Knisja.

L-ewwel quddiesa fil-Kripta saret qabel kienet lesta u kienet għat-tfal tal-Museum. L-ewwel quddiesa propja għall-pubbliku saret fil-15 ta Frar 1948 u ntuża artal proviżorju. Il-kripta kienet għadha mhux imsaqqfa kollha. Il-kripta tbierket kif għidna għall-ewwel darba sittin sena ilu, fit-30 ta' Lulju 1952. Sa dak iż-żmien kien sarilha artal tal-ġebel b'ventartal tal-konkrit xogħol l-artist Qormi Manuel Borg Gauci 1911-1991. Dan il-ventartal żarmat illum jinsab ingastat mal-ħajt ħdejn id-dħul tas-sala Cauchi. Il-kripta oriġinali kellha tliet partijiet il-korsija, l-parti ċentrali u l-presbiterju. Il-korsija b'sitt kappelluni kienet fejn illum hemm is-Sala Cauchi l-parti ċentrali kellha saqaf b'dijametru ta' 24 metru bi *skylight* fin-nofs li wara nbidlet għax kienet toqtor. Is-saqaf tal-kripta kien iżomm fuq erba' pilastri tal-konkrit. Il-kurituri tan-naħa tal-





prespiterju kien jagħti għażżewġ sagristiji. Minnhom ukoll permezz ta' taraġ kont tista' titla' għall-Knisja propja u anki sal-kampnari. Il-presbiterju kellu għamla semi-ċirkulari bis-saqaf jistrieħ fuq kolonni tal-konkrit. L-artal kien aktar 'l ġewwa minn ta' lum għax ma kienx hemm il-librerija Dun Ġino Mangion. Wara l-artal kien hemm pittura titulari l-martirju ta' San Sebastjan xogħol M.Borg Gauci. Fiżżmien il-Kappillan Dun Gużepp Cauchi kien sar ukoll kanċell baxx tal-ħadid madwar il-presbiterju donazzjoni tas-Sinjuri Salvu u Pawla Scerri. Fl-1966 sar artal mejda ġdid li ġie mbierek mill-Isqof Emmanuel Galea.

Peress li bdew jidhru xi xquq fil-pilastri u l-kolonni tal-kripta kellu jieqaf ix-xogħol fuq il-bini tal-knisja għax kien hemm riskju li jisfronda kollox.Wara li tbiddel, il-Perit Zammit li ried jordahom, il-kripta daħlu minfloku l-Periti Harold Borg u Joseph Cachia Fearne, li warajh daħal il-perit Qormi Joseph Mallia. Il-Kappillan il-ġdid Dun Vincenz Deguara qabbad biex isir survey dettaljat tal-kripta u tal-bini li kien lesta tal-Knisja minn Saviour Carabott u J A Caruana. Fuq suġġeriment tal-Periti George Muscat u Godfrey Azzopardi l-kripta kellha tingħalaq għal xi żmien sabiex isir ċirku tal-konkrit imserraħ fuq sittax-il-kolonna tal-konkrit biex iżommu l-piż tal-Knisja. Sakemm ingħalqet il-kripta, l-Quddiesa kienet issir fis-sala tal-Iskola Primarja ta' San Sebastjan. Wara li ġew solvuti l-problemi kollha, li kienu jinkludu ukoll, li fil-parti tal-presbiterju l-kolonni kienu qed iżommu fuq it-torba u mhux fuq il-blat, il-kripta reġgħet fetħet b'dehra ġdida diżinjata minn Edwin Conti fit-28 ta Ġunju 1972, 40 sena ilu. Il-presbiterju ġie aktar 'l barra u nqasam fit-tliet *platforms* fuq ix-xellug il-battisteru, fin-nofs il-platform ċentrali, bl-artal ambone u sedja u fuq il-lemin it-tabernaklu. Sar ħajt baxx wara l-presbiterju u tnaqqsu ħafna mit-turġien u kuriduri li kien hemm.

Huwa grazzi għal dawn it-tibdiliet li saru b'tant għaqal u sagrifiċċji mill-parruċċani ta' dak iż-żmien u l-aktar tal-Kappillan Dun Vincenz Deguara li llum nistgħu naraw mhux biss il-kripta iżda ukoll il-Knisja maestuża li b'dik il-koppla ikonika tal-Perit Italo Raniolo sebbaħ lil Ħal Qormi.

Il-Festa t-tajba lill-Qriema kollha.

***Riferenzi***

G.Bugeja u J.Grima Minn grajjet il Parrocca San Sebastjan Hal Qormi 2007
D Cutajar Chiesa di San Giovann Valletta
Varji siti elettronici